PDF Compressor Pro



Il-koppja jixorbu flimkien wara li taw kelma lil xulxin

Festival fil-Qala

Għar-raba' darba, il-Kunsill Lokali, tal-Qala, flimkien mal-*Menħir Folk Group*, organizza l-*Qala International Folk Festival*.

Bil-parteċipazzjoni ta' diversi gruppi folkloristiċi Għawdxin, mis-Slovakkja u mill-Greċja, dan il-festival mifrux fuq erba t'jiem, offra divertiment uniku ta' kant, żfin u kostumi spettakolari.

L-attenzjoni ffokat fuq it-Tieġ Malti, avveniment li fakkar id-drawwiet antiki taċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ fl-imgħoddi. Ittellgħet ukoll wirja ta' Artiġjanat li serviet bħala vetrina għal xogħlijiet li ma tantx għadhom jinħadmu, bħan-nases tas-sajd u purtieri tal-qasab.

Saret ukoll Konferenza Internazzjonali dwar il-Folklor u t-Tradizzjonijiet Maltin u Għawdxin, bil-għan li dan il-wirt folkloristiku lokali jibqa' ħaj matul is-snin.



Waqt il-mixja għaċ-Ċelebrazzjoni tat-Tieġ



Is-Slovakki waqt iż-żifna tagħhom




Kitarristi u daqqaqa oħra jdoqqu waqt it-Tieġ



Wara l-qsim tal-kejk tal-okkażjoni

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Waqt it-tindif f'Sannat

Kampanja favur Sannat aktar nadif

Il-Kunsill Lokali Sannat organizza kampanja għall-lokalità aktar nadifa. F'din il-kampanja s-Sannatin kollha ġew imħeġġa biex jipparteċipaw.

F'kelmtejn tal-okkażjoni s-Sindku Philip Vella qal illi hi verament ħasra li fis-seklu 21 għadek tisma' u tara b'għajnejk każijiet ta' ċittadini li jiġu jaqgħu u jqumu mill-ħarsien ambjentali b'detriment tagħhom stess u tar-residenti l-oħra. Minn dawn il-każijiet biss, wieħed malajr jinduna kemm din il-kampanja hija valida u neċessarja biex tqajjem kuxjenza dwar dan is-suġġett.

Sfortunatament, ħafna drabi jiġri li r-responsabiltà tal-ħarsien tal-ambjent tiġi mitfugħa fuq l-awtoritajiet mingħajr ma wieħed jirrealizza li kulħadd irid jagħti s-sehem tiegħu.

Min-naħa tal-Gvern ċentrali, għaddejja kampanja edukattiva sabiex iċ-ċittadini jkomplu jirriċiklaw l-iskart domestiku għall-ġid tal-pajjiż kollu.

Is-Sur Vella żied jghid illi l-Kunsill Lokali Ta' Sannat, qed jaħdem ħafna sabiex ir-raħal jinżamm nadif. Kien b'dan il-ħsieb li l-Kunsill sejjaħ lis-Sannatin biex flimkien juru li jinsabu ħerqana u konxji li jaraw lil Sannat aktar nadif kif fuq kollox jixraqlu.

"Ħassejna il-bżonn li nagħmlu dan biex inħossuna aktar konxji tal-importanza li niseparaw l-iskart u nsiru iktar familjari li nużaw is-*Civic Amenity Site* li tinsab ix-Xewkija".


Is-Sindku Vella ħabbar illi l-iskart li mhux separat f'Jannar tal-2010 minn €0.91c it-tunellata se jkun jiswa €20.00 it-tunellata. "...B'dawk il-fondi li niffrankaw irraħal ta' Sannat ikun jista' jutilizzahom għal proġetti oħra".

Ta' min issemmi illi l-Kunsill jiprovdi b'xejn lir-Residenti ta' Sannat servizz tal-*bulky refuse.*

"Din l-okkażjoni simbolika", temm jgħid is-Sindku Vella, "saret biex inrawmu kuxjenza Ambjentali fost ir-residenti, kif ukoll nibgħatu sinjal li jmur kontra l-egoiżmu individwali u nieħdu azzjoni kollettiva favur l-indafa".

Preżenti kien hemm ukoll il-Kunsillier Manuel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Arthur Bajada u għal xi ħin attendiet ukoll u għamlet kelmtejn qosra tal-okkażjoni l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta'

The Maltese Herald
PO Box 330 Merrylands
NSW 2160

jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna